MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 126/2005

**A B**
**vs**
**C B nee D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fis-16 ta’ Ottubru 1999 u minn din l-ghaqda twieled tifel, il-minuri E B; u

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u jew b’ anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghal-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta debitament ingunta ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fis-16 ta’ Ottubru 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet  jiddeponu.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet zzewwgu fis-16 ta’ Ottubru 1999 meta allura l-attur kellu 18 il-sena filwaqt li l-konvenuta kienet ghalqet is-16 il-sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sena u nofs. Illi wara li kienu ilhom johrgu flimkien circa disa’ xhur, il-konvenuta

nqabdet tqila, u dan il-fatt acelera d-data tat-tieg. Sussegwentement, jghidu l-partijiet, li xi xahar qabel id-data taz-zwieg il-konvenuta kellha miscarriage, izda xorta wahda l-partijiet iddecidew li jibqghu sejrin bil-pjan taghhom li jizzewwgu; u fil-fatt hekk sar. Wara erba snin ta zwieg, fl-1 ta' Mejju 2003, il-kopja kellhom tifel; izda sitt xhur wara nfirdu de facto.

Irrizulta li fil-perijodu inizjali taz-zwieg, il-konjugi kienu joqghodu ma' omm l-attur, izda wara disa' xhur xtraw post u marru joqghodu fih. Kien wara li l-partijiet marru jghixu ghar-rashom li bdew jinqalghu l-problemi bejniethom u li eventwalment wasslu sabiex jisseparaw de facto wara konvivenza ta' erba snin u nofs. L-attur isostni li l-konvenuta kienet ghazziena u ma kienitx tiehu hsieb il-facendi tad-dar filwaqt li huwa kien jahdem sieghat twal fil-hanut tieghu; il-konvenuta minn naha taghha tghid li wara erba snin hija ndunat li l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali u li din kienet il-vera kawza li wasslet ghal firda taghhom.

Dwar dan il-punt il-Qorti hija propensa li taghti affidament lill-konvenuta. Fix-xhieda taghha din tghid li sa erba snin mid-data taz-zwieg huma kien ikollhom relazzjonijiet intimi u kienu jaghmlu l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal. Kien wara t-twelid tat-tifel li hija nnutat kambjament fil-komportament ta' l-attur, u sitt xhur wara infirdu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-ewwel kawzali ta' l-attur hija bazata fuq il-*caput nullitatis* indikat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat li jikkontempla l-kaz tas-simulazzjoni fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali da parti tal-konvenuta.

In propositu l-Qorti tosserva li ma rrizulta xejn x' jindika li l-konvenuta dahlet f' dan iz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva ta' xi wiehed mill-obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali li huma bazati fuq unjoni permanenti bazata fuq il-konvivenza u diretta lejn il-prokreazzjoni u trobbija ta' l-

ulied. Anzi l-provi juru l-kuntrarju, ghax jirrizulta mhux kontraddett li sa erba snin mid-data taz-zwieg il-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi u l-att taz-zwieg kienu jhalluh miftuh ghat-tfal, liema relazzjonijiet kienu jirrisalu sa qabel iz-zwieg. Di fatti wara erba snin twieled tifel rizultat ta dawn ir-relazzjonijiet. Inoltre, minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-konvenuta qarrqet b' xi mod lill-attur. Jigi osservat li l-fatt li xahar qabel iz-zwieg il-konvenuta kellha miscarriage jinsab konfermat miz-zewg partijiet, u ma rrizulta ebda qerq f' dan ir-rigward. Ghaldaqstant l-ewwel kawzali hija nfondata.

Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [d], li jikkontempla l-caput nullitatis bazata fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, u anomalija psikologika li tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali".

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*
*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo'

comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[1] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [*Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006*];

Illi fil-kaz in disamina, ghalkemm jirrizulta li l-partijiet kienu ghadhom zghar fl-eta' meta zzewwgu ma jirrizultax li dawna kellhom livell ta' immaturita' tant baxxa li jivvizja l-kunsens matrimonjali taghhom. Mill-provi ma jirrizultax li huma zzewwgu unikament ghax il-konvenuta kienet harget tqila, izda ghax kienu jhobbu lil xulxin. Il-fatt ta' tqala pre nuptiali serviet biss biex tacelera d-data taz-zwieg. Di fatti wara z-zwieg l-partijiet ma kellhomx problemi nsuperabbli, ghajr li skond l-attur il-konvenuta kienet ghazziena fejn jidhlu l-facendi tad-dar. Il-konvenuta minn naha taghha ssostni li wara erba snin zwieg hija ndunat li l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali.

Kif fuq spjegat, il-fatt ut sic li l-partijiet hadu decizjoni zbaljata, ma jwassalx ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju, jekk ma jkunx hemm fil-partijiet jew f' wahda minnhom l-inkapacita' psikika li jifhmu d-dmirijiet konjugali. Din il-mankanza ma tirrizultax provata, u ghalhekk il-presunzjoni favur il-validita' taz-zwieg tibqa' mhux disturbata.

Inoltre jigi osservat li lanqas l-allegazzjoni attrici li l-konvenuta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kienet qeda ssofri minn anomalija psikologika, ma tirrizulta provata.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ma timmeritax li tigi milqugha.

---

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------